Maltese | Malti

# Ċentri tal-Kura Primarja ta' Prijorità

## Għandek bżonn tara tabib urġenti?

Iċ-Ċentri tal-Kura Primarja ta' Prijorità (PPCCs) jipprovdu kura bla ħlas għal kulmin għandu korrimenti jew mard urġenti.

It-tobba tal-PPCC ser jgħinuk tikseb l-kura li għandek bżonn aktar malajr minn dik f'dipartiment tal-emerġenza fi sptar.

Huma jistgħu jikkuraw kundizzjonijiet bħal infezzjonijiet mhux gravi, ħruq mhux gravi, tilwim jew ksur suspettat tal-għadam. Is-servizzi tal-PPCC jinkludu patoloġija, radjoloġija u spiżerija.

**Jekk għandek xi korriment jew marda serja, ċempel Żero Tripplu (000). Jekk ma teħtieġx kura urġenti, agħmel appuntament mat-tabib regolari tiegħek.**

Is-servizzi tal-PPCC huma bla ħlas għal kulħadd, kemm bil-kard tal-Medicare jew mingħajrha.

Fil-PPCCs ikun hemm interpreti. Ċempel lis-Servizz tat-Traduzzjoni u tal-Interpretar TIS National fuq 131 450.

**Żur is-Sit għall-Saħħa Aħjar għall-postijiet u għal aktar tagħrif:**
**betterhealth.vic.gov.au/priority-primary-care-centres**

TIS Translating and Interpreting Service

phn Victorian-Tasmanian Alliance
An Australian Government Initiative

Victoria State Government